DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**IL-BELLIEGĦA FIL-BIR**

*2 Att, 2 Xena, p.78 (M/m)*

## ALISTAIR

**JEKK DRAJT TIXROB MILL-ILMA TA' ARTEK.**

Qatt ma qatgħet tiktibli. Dejjem l-istess kantaliena. Ejja ibni, nieħu ħsiebek jien. Il-flus mhux problema – nagħmillek kollox f 'ismek, Alistair… U tibgħatli ritratti tagħha, t'hawn ġew, ta' dar-razzett kif irrinovatu, kif irvinatu! – tal-lukanda bil-pjanti ġodda għall-iżvilupp fil-wied. Kienet lesta tgħinni, basta niġi lura. Imma dan meta kienet teħodni bit-tajjeb. Imbagħad kultant però, nirċievi ittra kollha dwejjaq u dispramen, aħbarijiet ħżiena, kif miet dak u mietet l-oħra – u kif dalwaqt imiss lilha issa! Saħansitra bagħtet tgħidli meta mietet dik il-qaħba qabla! Ħasbitnix se nibkiha? Imma hi aktar dispramen u aktar dwejjaq, u kif issa l-belliegħa fil-bir biss kienet se tirbaħha. Lilha wkoll...

/ Għalhekk ukoll ġejt lura, iva. Mhux biss imma. Għax jasal iż-żmien meta l-għejun li minnhom tixrob f 'art barranija jinxfu wkoll, jekk drajt tixrob mill-ilma ta' artek – ukoll jekk din l-art m'għandhiex għajr ilma mdardar u mielaħ, ukoll jekk ġej mill-istess bir li ombrajt minn ċkunitek. Ukoll jekk drajt it-togħma tal-barrani – trid terġa' dduq dak il-morr, terġa' tittawwal f'dak il-bir u tosserva f 'dak il-fond iswed sfiq dik ix-xi ħaġa ħajja bilkemm titħarrek, titlajja hemm isfel – biex tħallik terġa' tara kemm kemm ir-rifless ta' dak il-wiċċ hemm isfel.

/ Ir-raġuni tal-biża' li ġarrejt miegħek ħajtek kollha, tkun fejn tkun. Għalhekk – għax għalkemm ma trid terġa' tara lil ħadd, u ma tridx idduq l-istess morr, xi ħaġa tibqa' ankrata miegħek, u tiġbdek lura.*(223)*

*(Ikompli p.44 )*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...........................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.78